*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*
*73, ST. MARY STREET*
*TARXIEN. TXN 1704*
*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email :- tarxien.lc@gov.mt*

Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 18

IL-Tlieta 1 ta' Settembru 2020

Il-Kunsilli Lokali Ħal Tarxien iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 73, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien TXN1704, fis- 6:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Joseph Abela Galea - Sindku
Darlene Vella Zammit – Vici Sindku
Neil Portelli – Kunsillier
Thomas Debattista - Kunsillier
Christian Pace – Kunsillier
Anabelle Marmara' – Kunsillier

SKUZAT:
Ishmael Dalli – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **18.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 18.1.1 | Il-laqgha tal-Kunsill bdiet fis- 6:50 ghax ma' kienx hemm *quorum*. |
| 18.1.2 | Is-Sur Ishmael Dalli informa l-Kunsill li peress li jahdem l-isptar kien se jattendi ghall-laqgha *online.* Il-Kunsilliera ma' sabu l-ebda oggezzjoni f'dan ir-rigward. |
| **18.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 18.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti nnumerata 17 kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ttieħdu bħala moqrija. |
| 18.2.2 | Is-Sa Darlene Vella Zammit pproponiet u s-Sur Christian Pace ssekonda l-minuti tas-Seduta numru 17 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **18.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 18.3.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li l-Kunsill jista' japplika ghat- 3,000Eur tal-Perit offruti mir-Regjun Xlokk ghall-Progett *slow streets* ghax ikkonferma li jistghu jintuzaw ghall-Gnien Penza sabiex isir *slow streets project* hemm. Wara diskussjoni libera gie deciz li l-Kunsill japplika ghat-3,000Eur. |
| 18.3.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li l-laqgha mas-Sindki ta' Rahal Gdid u l-Fgura rigward il-konfini ghadha ma' saritx u se jkun qed jipproponi data fil-jiem li gejjijn. |
| 18.3.3 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li r-rikjesta li saret lill-Awtorita tat-Turizmu sabiex jitranga fejn it-Tempji Neolitici ghadha pendenti ghax il-Kunsill ghadu ma' rcieva l-ebda risposta. Is-Sindku spjega li se jkun qed jerga' jikkominika mal- Awtorita tat-Turizmu f'dan ir-rigward. |
| 18.3.4 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li x- xogholijiet ta' thaffir li se jsir fit-Toroq ta' Ħal Tarxien sabiex tissaħħaħ il-provvista tal-enerġija fil-lokalita' ghadu ma' bediex u sa issa l-Kunsill ghadu ma' rcieva l-ebda komunikazzjoni ta' meta se jibda x-xoghol. |
| 18.3.5 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li l-hsara li saret fuq il-monument tal-gwerra b'incident tat-traffiku fejn vettura dahlet fil-monument se titranga mill-kumpanijja tal-*insurance* tal-individwu li kellu l-incident. |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| 18.3.6 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li ngabru tlitt *quotations* sabiex il-monument tal-gwerra jkompli jitranga u fakkar lill-Kunsilliera li l-art tal-monument se jsir mill-1,000Eur li fadal mill-*grant* tal-LESA li naghta l-Kunsill is-sena l-ohra. Is-Sindku habbar ukoll li fix-xhur li gejjijn il-Gvern Centrali se jkun qed jirrestawra dan il-monument ukoll. |
| 18.3.7 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li se ssir quddiesa fil-festa tal-Lunzjata u minhabba l -pandemija l-invit mill-Arciprirt gie ndirizzat lilu biss. Is-Sindku nforma l-Kunsill li dak inhar mhux se jkun jista' jattendi ghaldaqstant kienet se tattendi l-Vici Sindku. |
| 18.3.8 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li ngabru tlitt *quotations* sabiex isiru *sleeping police* fi Triq San Guzepp u Triq il-Fieres. Is-Sindku spjega li se l-Kunsill se jimxi fuq l-irhas *quotation* hekk kif titlob il-ligi. |
| **18.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** |
| 18.4.1 | Ma kienx hemm. |
| **18.5** | **Rapporti** |
| 18.5.1 | Il-Kunsillier is-Sur Christian Pace informa l-Kunsill li bghat korrispondenza lis-*Supretendent* tal-*Heritage* Malta rigward il-wirja tal-affarijiet punici li se tinzamm id-Dar tal-Kejka fix-xahar ta' Ottubru 2020. Il-Kunsilliera ddiskutew il-granet tal-Wirja u u s-sigurta fuq il-post. Wara diskussjoni libera gie deciz li n-nefqa ta' sigurta ghal xahar se tkun hafna ghall-Kunsill ghaldaqstant gie propost li l-wirja ssir ghall-gimgha b'zewg *weekends* inkluzi. Fil-frattemp, is-Segretarju Ezekuttiv kellu jikkomunika mad-Dipartiment tal Gvern Lokali sabiex jivverifika jekk hemx xi assistenza ghas-sigurta. |
| 18.5.2 | Il-Kunsillier is-Sur Neil Portelli informa lill-Kunsilliera prezenti li bghat korrispondenza lill-ufficjal responsabbli mill-*Achievers scheme* sabiex ikun hemm xi tibdil fl-attivitajiet li gew proposti mill-Kunsill. Is-Sur Neil Portelli spjega li ha din l-inizjattiva minhabba l-pandemijja tal-COVID-19 u sahaq li huwa mportanti li bhala Kunsill irridu nimxu mal-linji gwida tal-Awtoritajiet. |
| 18.5.3 | Il-Vici Sindku s-Sa Darlene Vella Zammit infurmat lill-Kunsilliera prezenti bit-tibdil li se jsir tal-immaginjar tat-traffiku fil-lokalita'. Il-Vici Sindku spjegat li jkun ahjar li Triq Kalamija tigi hrug biss ghall- Triq il-Palma. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li t-tibdil tal-immanigjar tat-traffiku tintbghat lill-Transport Malta ghall-approvazzjoni. |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| 18.5.4 | Il-Kunsilliera s-Sa Anabelle Marmara' talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex iss-r pagna ta' *Facebook* ghall- *cat feeders* tal-lokalita'. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li l-Kunsillier is-Sur Christian Pace jghin sabiex issir il-pagna ta' *facebook* u wara tiehu hsieba s-Sa Anabelle Marmara' bhala l-Kunsilliera responsabbli mid-dekasteru tal-Harsien tal-Annimali. |
| 18.5.5 | Is-Segretarju Ezekuttiv prezenta ir-Rapport Finanzjarju ta' bejn Marzu u Gunju 2020 ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ir-Rapport gie approvat. |
| 18.5.6 | Is-Segretarju Ezekuttiv prezenta proposta ta' kuntratt ta'sena ghall-assistenza f'sevizzi u manutenzjoni tal-informazzjoni teknoloġika fil-Kunsill Lokali. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti il-proposta tal-Kuntratt giet approvata. |
| 18.5.7 | Permezz ta' korrispondenza datata 31 ta' Awwissu 2020 minghand id-Dipartiment tal Gvern Lokali l-Kunsill gie nfurmat bl-*Accumulation of Vacation Leave* 2020-2021. Is-Segretarju Ezekuttiv talab l-approvazzjoni tal-Kunsilliera sabiex titrasferixxi 88 siegha mill-leave vakanti taghha ghas-sena 2021. Sa Emma Vella spjegat li dan l-ammont tal-leave mhux se jilhaq jittiehed din is-sena minhabba ezigenzi ta' xoghol. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti it-88 siegha leave gew approvati sabiex jigu trasferiti ghas-sena 2021. |
| **18.6** | **Mozzjonijiet** |
| 18.6.1 | Ma kienx hemm. |
| **18.7** | **Sejhiet ghall-offerti** |
| 18.7.1 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa l-Kunsilliera li t-*Tender* tal-knis qed jigi evalwat. |
| **18.8** | **Il-Monument tal-Gwerra** |
| 18.8.1 | Il-Monument tal-Gwerra gie diskuss mal-korrispondenza tas-Sindku fil-minuta 18.3.5 u fil-minuta 18.3.6. |
| **18.9** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 18.9.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali is-skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 14/08) flimkien mal-lista ta' *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' Awwissu 2020 għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |

| | |
|---|---|
| 18.9.2 | Fuq mozzjoni ta' Sur Neil Portelli ssekondat mis-Sur Thomas Debattista l-Kunsill Lokali unanimament approva l-listi li huma annessi u li jifformaw parti minn dawn il-minuti. |
| **18.10** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 18.10.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fid-19.50p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 6 ta' Ottubru 2020 fis-6:30p.m. |

Konfermati, illum 4 ta' Awwissu 2020.

Joseh Abela Galea
Sindku

Emma Vella
Segretarju Eżekuttiv



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*